## Detailed Income and Expenditure Accounts

| | Central Fund € | Taqsima Finanzi € | Parishes € | Metropolitan Cathedral € | Homes € | Dar tal-Providenza & Dar Pirotta € | Seminary Major and Minor € | Media Activities € | Monasteries € | Other Entities € | 2009 Total € | 2008 Total € |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Income** | | | | | | | | | | | | |
| Income from property | 9,203 | 186 | 55,134 | 1,255 | 27,750 | 8,270 | 3,690 | 23 | 10,963 | 4,971 | 121,445 | 117,366 |
| Income from investments, deposits and loans | 1,238,736 | 1,985,059 | 1,114,128 | 570,553 | 402,580 | 163,185 | 33,250 | 6,092 | 525,182 | 304,733 | 6,343,498 | 5,885,895 |
| Collections and Donations | 122,108 | - | 4,519,316 | 55,107 | 1,019,372 | 3,071,670 | 506,914 | 7,326 | 92,215 | 223,247 | 9,617,275 | 9,416,972 |
| Gross contributions on publications, jobbing and advertising sales | 7,325 | 1,131 | 5,093 | - | 5,731 | - | - | 582,499 | - | 3,887 | 605,666 | 681,538 |
| Fees and other income from residents | - | - | - | - | 3,023,830 | 36,057 | - | - | - | - | 3,059,887 | 2,872,093 |
| Sale of Property | - | - | 194,139 | - | - | - | - | - | - | - | 194,139 | 167,925 |
| Other Income | 405,321 | 28,068 | 1,019,812 | 412,511 | 182,135 | 372,331 | 862,350 | 158,316 | - | 1,394,350 | 4,835,194 | 4,088,657 |
| | **1,782,693** | **2,014,444** | **6,907,622** | **1,039,426** | **4,661,398** | **3,651,513** | **1,406,204** | **754,256** | **628,360** | **1,931,188** | **24,777,104** | **23,230,446** |
| **Expenditure** | | | | | | | | | | | | |
| Remuneration to Priests | 2,250,508 | - | - | - | - | - | - | - | - | - | 2,250,508 | 2,219,956 |
| Mass Stipends - Local and foreign | 312,127 | - | 187,803 | 50,664 | 12,084 | 3,495 | - | - | 6,954 | 4,435 | 577,562 | 621,010 |
| Salaries of lay employees | 10,015 | 970,601 | 256,499 | 225,993 | 2,866,351 | 2,894,822 | 943,179 | 918,505 | 55,195 | 1,007,212 | 10,148,372 | 9,646,870 |
| Operational Costs | 1,102,846 | 297,289 | 4,533,236 | 953,753 | 1,382,695 | 1,163,530 | 230,674 | 603,324 | 621,128 | 942,597 | 11,831,072 | 10,652,499 |
| Taxation | 49,466 | (80,640) | 229,855 | 46,000 | 9,628 | - | - | 1,565 | (26,035) | 27,444 | 257,283 | 632,899 |
| Donations | 81,157 | - | 80,697 | 14,102 | 26,055 | - | 12,643 | 11,236 | 1,597 | 13,609 | 241,096 | 255,936 |
| Depreciation | - | 131,655 | - | - | 25,098 | - | 77,733 | 59,375 | - | 20,859 | 314,720 | 240,547 |
| | **3,806,119** | **1,318,905** | **5,288,090** | **1,290,512** | **4,321,911** | **4,061,847** | **1,264,229** | **1,594,005** | **658,839** | **2,016,156** | **25,620,613** | **24,269,717** |
| (Deficits)/surpluses before inter-entity charges & contributions | (2,023,426) | 695,539 | 1,619,532 | (251,086) | 339,487 | (410,334) | 141,975 | (839,749) | (30,479) | (84,968) | (843,509) | (1,039,271) |
| Net inter-entity charges | (148,323) | (139,762) | (1,376,625) | (174,246) | (87,460) | - | (32,905) | (13,090) | (14,752) | (7,882) | (1,995,045) | (2,097,359) |
| Net inter-entity contributions | 1,572,206 | 221,444 | - | - | 30,367 | - | - | 15,410 | - | 155,618 | 1,995,045 | 2,097,359 |
| Operating (deficits) / surpluses | (599,543) | 777,221 | 242,907 | (425,332) | 282,394 | (410,334) | 109,070 | (837,429) | (45,231) | 62,768 | (843,509) | (1,039,271) |
| Capital (losses)/gains on investments | - | (26,046) | - | - | - | - | - | - | - | - | (26,046) | 21,491 |
| **Net (deficits)/surpluses for the year** | **(599,543)** | **751,175** | **242,907** | **(425,332)** | **282,394** | **(410,334)** | **109,070** | **(837,429)** | **(45,231)** | **62,768** | **(869,555)** | **(1,017,780)** |

Financial Statements of The Archdiocese of Malta
for the Year Ended 31 December 2009

## Aggregated Balance Sheet

| | 2009 € | 2008 € |
|---|---|---|
| **Fixed Assets** | | |
| Property, plant & equipment | **2,474,566** | 2,495,023 |
| Financial assets | **158,488,807** | 152,569,606 |
| | **160,963,373** | 155,064,629 |
| **Current Assets** | | |
| Inventory | **768,191** | 791,216 |
| Receivables | **7,108,872** | 6,387,959 |
| Taxation | **2,072,779** | 1,485,720 |
| Cash at bank and in hand | **5,587,887** | 5,081,224 |
| | **15,537,729** | 13,746,119 |
| **Current liabilities** | **(11,492,900)** | (9,206,073) |
| **Net Current Assets** | **4,044,829** | 4,540,046 |
| **Total assets less current liabilities** | **165,008,202** | 159,604,675 |
| Non current liabilities | **-** | (248,497) |
| **Deferred Taxation** | **2,229** | 2,229 |
| **Net Assets** | **165,010,431** | 159,358,407 |
| **Represented by** | | |
| Foundations and other capital funds | **105,043,714** | 104,369,371 |
| Investment unrealised gains reserve | **35,170,849** | 29,540,132 |
| Accumulated funds | **24,795,868** | 25,448,904 |
| | **165,010,431** | 159,358,407 |

# Rapport Finanzjarju
# u Pastorali 2009

Arċidjoċesi ta' Malta
Floriana

www.maltadiocese.org

## Viżjoni ġdida għall-ħidma pastorali

L-aħħar Pjan Pastorali tal-Knisja f'Malta, li tnieda minn Mons. Arċisqof Pawlu Cremona, propju fis-sena 2009, toffri viżjoni fejn in-Nisrani jgħaddi minn tradizzjoni u konvenjenza għall-għażla ta' fidi konxja u konvinta, f'kultura li kull ma tmur qegħda tinbidel. Huwa għalhekk li l-Knisja teħtieġ tkompli timpenja ruħha f'evanġelizazzjoni ġdida.

Huwa b'din il-viżjoni li l-Knisja f'Malta qed tfassal l-prijoritajiet pastorali tagħha. Dan qed iwassal lill-Knisja sabiex issaħħaħ l-infrastruttura tagħha b'persuni konvinti fil-fidi biex in-Nisrani jkun ta' ħmira fis-soċjetà. Dan filwaqt li tkompli tkun ta' servizz f'diversi oqsma soċjali.

Il-Knisja għandha bżonn mezzi finanzjarji biex tagħmel dan kollu. Il-fondi tal-Knisja huma l-għotja ġeneruża tal-insara Maltin. Din il-ġenerożità tidher ukoll f'dawk kollha li volontarjament joffru t-talenti, il-professjonalità u l-viżjoni nisranija tagħhom billi jkunu ta' servizz fid-diversi oqsma tal-ħidma pastorali tal-Knisja.

L-operat pastorali tal-Knisja huwa ħafna usa minn dak li qed jiġi msemmi f'dan ir-rapport għax qed inħallu barra il-ħidmiet ta' bosta entitajiet oħra fil-Knisja, fosthom ir-reliġjużi, l-għaqdiet tal-lajċi u gruppi oħrajn. Dawn għandhom amministrazzjoni separata.

**Il-missjoni tal-Knisja f'Malta tiżvolġi f'dawn l-oqsma ewlenin:**

**Formazzjoni Pastorali**
Prijorità importanti hija l-formazzjoni tal-operaturi pastorali tal-Knisja. Dan wassal biex il-Knisja f'Malta tinvesti €154,000 għas-sena 2009 fil-Fondazzjoni għall-istudji Teoloġiċi, fejn tipprepara akkademikament is-saċerdoti tagħha, u ssostni wkoll il-pagi ta' wħud mill-lecturers fil-Fakultà tat-Teoloġija. L-istess Fakultà tat-Teoloġija qed tagħti kontribut utli fit-trawwim ta' saċerdoti u lajċi nsara li jkunu kapaċi joffru ħidma pastorali ta' kwalità. L-istess qed jagħmel l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali li qed joffri s-servizz ta' diversi korsijiet għal-lajċi nsara fejn kull sena jiggradwaw medja ta' 165 persuna.

**Taqsima Pastorali**
Matul l-2009, il-Knisja f'Malta investiet €530,000 f'operat pastorali li jwettqu disa' segretarjati u sittax-il kummissjoni li janimaw, jikkordinaw u jispiraw il-ħidma pastorali li ssir fl-Arċidjoċesi ta' Malta. Dawn jieħdu ħsieb bosta aspetti tal-ħajja soċjali, mill-ħidma pastorali maż-żgħażagħ, fejn biex jingħataw prijorita' inħarġu €43,000, għall-immigranti li jiġu fostna, fejn il-Knisja qed tipprovdi akkomodazzjoni xierqa lil 400 immigrant; mill-ħtieġa li nsiru konxji aktar tal-ħarsien tal-ambjent fejn matul is-sena intefqu €8,000, għall-attenzjoni li qed tingħata għat-tisħiħ tal-ħajja miżżewġa, kemm fil-preparazzjoni permezz tal-korsijiet ta' Kana, kemm matul il-ħajja miżżewġa bil-konferenzi, seminars, laqgħat, irtiri li jsiru għalihom kif ukoll permezz ta' sosteniment waqt mumenti ta' prova u diffikultà b'nefqa ta' €170,500.

**Anzjani, tfal u persuni b'diżabilità**
Il-Knisja f'Malta, biex tkompli toffri s-servizzi tagħha f'għajnuna speċjali lill-anzjani, tfal u persuni b'diżabilità, kompliet toħroġ sussidju ta' €242,000 biex iżżomm miftuħin id-djar tagħha. Id-Dar tal-Providenza tilfet €486,000 meta tqis id-differenza bejn dak li daħħlet u dak li ħarġet is-sena l-oħra.

**Tribunal Ekkleżjastiku**
Biex jitħaffef ix-xogħol li qed isir f'dan it-Tribunal inħass il-bżonn li jiżdiedu nies li joffru dan is-servizz. Dan ġab miegħu żieda fl-ispejjeż, inkluż dak professjonali. Għalhekk il-Fond Ċentrali qed joħroġ mill-fondi tiegħu spiża netta ta' €505,000 biex iżomm l-operat tat-Tribunal Ekkleżjastiku għaddej. Din tirrifletti żieda ta' 15% fuq l-2008.

**Mezzi ta' Komunikazzjoni Soċjali**
Aspett importanti għall-Knisja huwa dak li jkollha l-mezzi biex twassal il-messaġġ tagħha. Hija din il-prijorità li wasslitha tkompli talloka €351,000 biex iżżomm ħajjin radju RTK, it-TV Unit u l-Ġensillum li qalbet mill-verżjoni stampata għall-verżjoni online.

**Saċerdoti**
Is-saċerdoti jiddedikaw ħajjithom biex titwettaq il-missjoni pastorali tal-Knisja f'Malta, ħidma li żgur hija apprezzata ħafna mill-poplu Malti. Is-sosteniment tal-kleru isir permezz ta' Fond li parti minnu jiġi sostnut mill-kontribuzzjonijiet tal-parroċċi li jkopru 70% tas-salarji tal-kappillani u l-viċijiet, waqt li l-bqija tas-salarji jinħarġu minn dħul ieħor ta' dan il-fond. Tajjeb li ngħidu li r-remunerazzjoni li jirċievu l-kappillani u l-viċijiet hija fl-iskala ta' bejn it-tlettax u l-erbatax tal-pagi tal-Gvern. F'dawn l-aħħar snin, id-dħul tal-fond tal-kleru ma kienx qiegħed ikun biżżejjed biex ikopri s-salarji kollha tas-saċerdoti. Fl-2009 dan il-fond ħareġ b'telf ta' €485,000 fejn qed jagħmlu tajjeb għalih fondi oħra mit-Taqsima Finanzi tal-Knisja.

**Servizz Pastorali fil-Parroċċi**
Fl-Arċidjoċesi ta' Malta għandna 70 parroċċa, 54 immexxijin mill-kleru djoċesan u 16 immexxijin mir-reliġjużi. Id-djoċesi hija responsabli mill-finanzi tal-parroċċi mmexxija mill-kleru djoċesan. Il-parroċċa hija l-ambjent li fih il-Knisja l-aktar li tinħass u fejn issir ħafna mill-ħidma pastorali tal-Knisja ma' diversi kategoriji ta' nies, bħalma huma t-tfal, iż-żgħażagħ, il-miżżewġin, l-anzjani, il-persuni b'diżabilita', eċċ.

Għalhekk minn Jannar 2009, l-Arċisqof ta bidu għall-Viżta Pastorali li qed jagħmel fil-parroċċi kollha biex iħeġġeġ u janima lill-operaturi pastorali, saċerdoti, reliġjużi rġiel u nisa, membri ta' għaqdiet reliġjużi, u lajċi nsara ħalli jkomplu jagħtu sehemhom fil-ħidma kbira li għandha l-Knisja li twassal l-imħabba ta' Alla lill-persuni kollha li joqogħdu fit-territorju tal-parroċċi tagħna.

Naturalment, biex issostni l-ħidma kbira pastorali li ssir fil-parroċċi, bħalma huma l-liturġija, il-katekeżi, id-djakonija u l-bini tal-komunità, irid ikollok bosta operaturi pastorali lajċi li jridu jiġu ffurmati u mogħtija l-għodda biex jistgħu jwettqu s-servizzi tagħhom; irid ikollok l-ispazju ta' fejn topera u allura l-bżonn ta' knejjes, ċentri pastorali, u ċentri parrokkjali li jitolbu bosta spejjeż għall-bini tagħhom, għall-manutenzjoni tagħhom, ir-restawr tagħhom, u għall-infiq regolari li jeħtieġu. Irid ikollok il-mezzi kif twassal il-messaġġ u għalhekk tkun teħtieġ stampar, nies professjonali li joffru t-tagħlim, eċċ. Hawnhekk tajjeb li ngħidu li l-poplu Malti tant iħoss din il-ħidma li qed issir fostu, li l-akbar dħul li għandha l-Arċidjoċesi kull sena hija proprju mill-ġenerożità tan-nies fl-għotjiet li jsiru fil-ġbir u d-donazzjonijiet mill-parroċċi. Fil-fatt id-dħul għas-sena 2009 kien ta' €4,519,000. Dan kien ftit aktar mis-sena ta' qabel, u ta' dan il-Knisja hija ferm rikonoxxenti. Madanakollu, il-bilanċ favorevoli tal-parroċċi naqas b'52% meta mqabbel mas-sena ta' qabel.

**Harsa 'l quddiem**
Il-Knisja temmen li l-ħidmiet kollha li twettaq huma ta' ġid għall-poplu Malti. Minkejja dan hija konxja wkoll mill-fatt li ma tistax tinjora r-realtajiet u l-limitazzjonijiet finanzjarji preżenti.

Mir-rapport finanzjarju għall-2009, li jiġbor fih 'il fuq minn 110 entità differenti, jirriżulta li l-Knisja rreġistrat żbilanċ ta' €870,000, u dan minkejja l-għotjiet mill-Istat lil diversi entitatjiet. L-iżbilanċ huwa dovut għal diversi fatturi, ewlenin fosthom iż-żieda ġenerali fl-ispejjeż, it-tnaqqis mill-interessi tal-investimenti bi dħul fiss u l-ispiża dejjem tiżdied għal xogħolijiet ta' manutenzjoni u restawr tal-binjiet storiċi li huma l-patrimonju li ħallewna missirijietna b' tant sagrifiċċji.

Biex il-Knisja tkompli twettaq il-missjoni tagħha f'diversi oqsma pastorali u soċjali kif tagħmel illum, jeħtieġ li l-Insara Maltin jagħrfu dawn ir-realtajiet u jimpenjaw ruħhom biex ikunu ta' servizz lill-Knisja b'kull mod possibbli, inkluż dak finanzjarju.

**L-għajnuna tagħkom**
Nixtiequ nressqu dan ir-rapport għall-attenzjoni ta' dawk li jħobbu lill-Knisja. Nixtiequ nisimgħu l-ideat, is-suġġerimenti u l-pariri tagħkom. Nixtiequ opinjonijiet ħerġin mill-imħabba lejn il-Knisja u lejn il-ħidma tagħha f'diversi oqsma pastorali u soċjali. Dawn jistgħu jintbgħatu fuq l-indirizz: **rapport@maltadiocese.org**

Mons Charles Cordina
Segretarju Pastorali

Mons Anton Portelli
Segretarju Amministrattiv

Mr Robert Agius
Kontrollur Finanzjarju